MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Rikors Numru. 2/2007/2

GIE General Investment Establishment (gja Standard Establishment).

Vs

Amand Paul Verraneman u Marie Jeanne Verraneman nee Van Hoeck

Illum 25 ta’ April, 2007.

**Provvediment skond l-Artikolu 258 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fit-30 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew:-

Illi permezz ta’ kuntratt pubbliku ta’ self datat 27 ta’ Gunju 1997 fl-atti tan-nutar Dr. Maurice Gambin, l-intimati ssellfu minghand il-kumpannija rikorrenti s-somma ta’ tmintax-il elf lira Maltija (Lm18,000), liema somma kienet restitwibbli permezz ta’ sittax-il pagament kif stipultat skond l-istess kuntratt ta’ self flimkien mal-imghaxijiet legali bir-rata ta’ tmienja (8%) fis-sena dekorribbli mill-5 ta’ Lulju 1997 u pagabbli kull tlett xhur;

Illi din is-somma ta’ tmintax-il elf lira Maltija (Lm18,000) flimkien mal-imghaxijiet dovuti qatt ma thallset sal-lum u nonostante illi l-intimati gew interpellati sabix ihallsu dan l-ammont, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ Settembru 2000, huma baqghu inadempjenti;

Illi mid-data tal-att ezekuttiv ghaddew iktar minn hames (5) snin u l-kumpannija rikorrenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor dak lilha dovut;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbu sabiex din il-Qorti tirrendi ezegwibbli l-kuntratt fuq imsemmi skond l-Artikolu 258 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12).

Rat li l-intimati gew debitament notifikati.

Rat li ma giet prezentata l-ebda twegiba, b’dan li l-intimat deher fis-seduta tal-lum u kkonferma li ghadu ma thallas xejn mill-ammont pretiz mir-rikorrenti. L-intimat ma kkontestax l-ammont dovut, izda zied ighid li l-intimati ghandhom bzonn zmien sabiex ikunu jistghu jhallsu id-dejn tant li qeghdin fil-process li jiehdu self minghand il-bank.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi r-rikors billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur u b’hekk qeghda terga’ tirrendi ezegwibbli l-kuntratt pubbliku datat 27 ta’ Gunju 1997 fl-atti tan-nutar Dr. Maurice Gambin.

Spejjez a karigu tal-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------